MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2012

Numru 572/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Fabian Fleri
Spettur James Grech)
**vs.**
**Silvio (Saviour) Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Silvio (Saviour) Pace, ta’ tlieta u erbghin 43 sena, iben Joseph u Victoria nee’ Pisani, mwieled Pieta’ fil-21 ta’ Novembru 1968, residenti il-Facilta Korrettiva Ta’ Kordin u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 477468M, akkuzat talli b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. Bejn l-14 ta’ Marzu 2012 u is-16 ta’ Marzu 2012, minn gewwa ir-residenza bin-numru 15 u bl-isem ta’ Edfil, Triq il-Brunzar, Santa Venera, ikkommetta serq ta’ diversi

oggetti fosthom gojjellerija u flus liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-mezz u dan ghad-detriment ta' Anna Cassar u/jew persuna/i ohra.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioé ghamlu hsara fil-bieb tal-imsemmija residenza, liema hsarat huma ta' anqas minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta' Anna Cassar u/jew persuna/i ohra;

3. Nhar l-10 ta' Dicembru 2011 ghall-habta ta' bejn is-18:00 u 23:30hrs, minn gewwa ir-residenza bl-isem ta' Cleveland Court Flat 2, Triq Santa Venera, Msida, ikkommetta serq ta' diversi ogetti fosthom gojjellerija liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€ 232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Desmond Scerri u/jew persuna/i ohra.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioé ghamlu hsara fit-tieqa tal-imsemmija residenza, liema hsarat huma ta' anqas minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta' Desmond Scerri u/jew persuna/i ohra;

5. Nhar l-10 ta' Dicembru 2011 u fil-granet, gimghat u xhur ta' wara din id-data xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, li l-valur taghhom ma jeccediex l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti,

6. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani

LL.D fid-digriet taghha ta' nhar it-12 ta' Settembru 2011 li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija personali ;

7. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. Gabriella Vella LL.D fid-digriet taghha ta' nhar il-5 ta' Settembru 2011 li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija personali;

8. Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' **Silvio (Saviour) Pace** u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' € 25,000 bhala garanzija personali, tghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat **Silvio (Saviour) Pace**, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet is-segwenti dikjarazzjonijiet maghmula mill-Ufficjali Prosekuturi:

- li t-tieni (2) imputazzjoni hija kompriza u nvoluta fl-ewwel (1) imputazzjoni;
- li r-raba' (4) imputazzjoni hija kompriza u nvoluta fit-tielet (3) imputazzjoni;

- li l-hames (5) imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel (1) u ghat-tielet (3) imputazzjonijiet;
- li ma kienx hemm insistenza fir-rigward tat-talba sabiex din Qorti tordna li s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Euro (€ 25,000) bhala garanzija personali tigi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta;
- li ma kienx hemm insistenza fir-rigward tat-talba rigward spejjez ta' hatra ta' esperti skond Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-imputat (li hija wahda refrattarja) u kif ukoll id-diversi dikjarazzjonijiet maghmula mill-Ufficjal Prosekuturi fis-seduta tallum, liema dikjarazzjonijiet gew elenkati aktar il-fuq.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames (5) imputazzjoni u dana stante li gie dikjarat li din l-imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel (1) u ghat-tielet (3) imputazzjonijiet, wara li rat Artikoli 18, 49, 50, 289, 261(b), 261(c), 261(e), 261(f), 263, 267, 269(g), 270, 325(c), 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tnejn u tletin (32) xahar prigunerija.

Fir-rigward tad-Digrieti tat-12 ta' Settembru 2011 u tal-5 ta' Settembru 2011, moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta fejn l-imputat gie moghti l-

beneficcju tal-helsien mill-arrest, il-Qorti tirrevoka d-digrieti imsemmija u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imputat.

In vista tat-terminu ta' prigunerija li qed jigi impost fuq l-imputat ghar-reati li taghhom huwa nstab hati, u in vista tal-fatt li l-Ufficjal Prosekuturi ddikjaraw li ma kienx hemm insistenza li s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Euro (€ 25,000) bhala garanzija personali tigi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-somma ma ghandhiex tigi konfiskata favur il-Gvern ta' Malta.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi kundannat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista tad-dikjarazzjoni tal-Ufficjali Prosekuturi li ma kienux qeghdin jinsistu ghal din it-talba u dana minhabba li l-*process verbal* relattiv ghadu ma giex konkluz, tichad tali talba.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat ikun jista' jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista' jibda, isegwi u jispicca l-programm rigward riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------